ATT TA' L-1998 DWAR *BROKERS* FL-ASSIGURAZZJONI U INTERMEDJARJI OĦRA

Arranġament ta' l-Att

PRELIMINARI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ
2. Tifsir

SETGĦAT REGOLATORJI

3. Setgħat u dmirijiet tal-Ministru
4. Setgħat u dmirijiet ta' l-Awtorità Kompetenti

REĠISTRAZZJONI JEW ISKRIZZJONI GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMMERĊ BĦALA *BROKERS* FL-ASSIGURAZZJONI

5. Ir-reġistru ta' *brokers* fl-assigurazzjoni
6. Kwalifiki għal reġistrazzjoni
7. Lista ta' kumpanniji li jmexxu kummerċ ta' *brokers* fl-assigurazzjoni
8. Ħtiġiet ġenerali dwar iskrizzjoni
9. Ħtiġiet speċifiċi għal iskrizzjoni fil-każ ta' kumpanniji lokali
10. Ħtiġiet speċifiċi għal iskrizzjoni fil-każ ta' kumpanniji barranin
11. Reġistrazzjoni ta' persuni għat-tmexxija ta' kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni
12. Iskrizzjoni ta' kumpanniji għat-tmexxija ta' kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni
13. Għoti ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni
14. Ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni
15. Ftuħ ta' fergħat minn kumpanniji lokali iskritti
16. Tħassir ta' isem mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*
17. Avviż ta' ħsieb ta' tħassir ta' isem mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*
18. Restituzzjoni ta' isem li jkun tħassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*

OBBLIGAZZJONIJIET TA' KUMPANNIJI ISKRITTI

19. Flejjes miżmuma f'kapaċità fiduċjarja
20. Garanzija ta' fedeltà meħtieġa minn kumpanniji iskritti
21. Kuntratti ta' assigurazzjoni dwar riskji sitwati f' Malta jew rabtiet meta Malta tkun il-pajjiż tar-rabta
22. Avviż dwar persuni reġistrati fir-Reġistru tal-*Brokers*
23. Għoti ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati
24. Għoti ta' dikjarazzjonijiet dwar kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni
25. Kumpanniji li jieqfu mit-tmexxija ta' kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni

SENA FINANZJARJA U UDITURI

26. Sena finanzjarja ta' kumpanniji iskritti
27. Ħatra, dmirijiet u terminazzjoni ta' ħatra ta' udituri
28. Komunikazzjoni mill-udituri eċċ. ma' l-Awtorità Kompetenti

REĠISTRAZZJONI U ISKRIZZJONI TA' SOTTO-AĠENTI FL-ASSIGURAZZJONI

29. Ir-reġistri ta' kumpanniji għal sotto-aġenti fl-assigurazzjoni
30. Kwalifiki għal reġistrazzjoni
31. Lista ta' persuni li jmexxu attivitajiet ta' sotto-aġenziji ta' l-assigurazzjoni
32. Restrizzjoni ta' persuni biex imexxu attivitajiet ta' sotto-aġenti fl-assigurazzjoni
33. Ħatra, reġistrazzjoni u iskrizzjoni ta' sotto-aġenti fl-assigurazzjoni
34. Tħassir ta' ismijiet mir-reġistri ta' kumpanniji għal sotto-aġenti
35. Tħassir ta' ismijiet mir-reġistri ta' kumpanniji għal sotto-aġenti
36. Tħaris ta' l-interess pubbliku jew interess ieħor
37. Restituzzjoni ta' isem imħassar mil-Lista ta' Sotto-aġenti

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

38. Kooperazzjoni fi dmirijiet ta' sorveljanza u skambju ta' informazzjoni
39. Konfidenzjalità
40. Spezzjoni tar-reġistri u tal-listi
41. Użu tal-kelma " assigurazzjoni"
42. Notifika ta' avviżi, eċċ
43. *Underwriting agreements*
44. Tibdil fid-dokumentazzjoni
45. Appelli
46. Esklużjoni ta' responsabbiltà
47. Reati
48. Pieni
49. Applikazzjoni ta' ċerti artikoli ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni għal kumpanniji iskritti
50. Applikazzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju
51. Riżervi

SKEDA

Intermedjarji fl-Assigurazzjoni u Attivitajiet ta' Intermedjarji fl-Assigurazzjoni

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

21 ta' Lulju , 1998

ATT Nru. XVIII ta' l-1998

ATT biex jirregola r-reġistrazzjoni ta' brokers fl-assigurazzjoni u intermedjarji oħra u attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jkunu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"assigurazzjoni affiljata" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni; Att XVII ta' l-1998.

"attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni" u "attivitajiet" ifissru kull waħda mill-attivitajiet imniżżlin fil-paragrafi (1) u (2) tat-Tielet Kolonna ta' l-Iskeda u jinkludu kull attivitajiet oħra li jistgħu jiġu preskritti;

"attivitajiet ta' sotto-aġenzija ta' l-assigurazzjoni", dwar persuna reġistrata bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni, tfisser l-attivitajiet imniżżlin fil-paragrafu (2) tat-Tielet Kolonna ta' l-Iskeda;

"Awtorità Kompetenti" tfisser il-korp maħtur taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"*broker* fl-assigurazzjoni" tfisser persuna li tmexxi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni;

"ċertifikat ta' iskrizzjoni" –

(a) dwar kumpannija li tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni, tfisser ċertifikat maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att lill-kumpannija, li juri li dik il-kumpannija tkun iskritta fil-Lista tal-*Brokers*; u

(b) dwar persuna reġistrata bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni fir-Reġistru ta' Sotto-aġenti ta' Kumpannija ta' xi kumpannija, tfisser ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att, lill-kumpannija li tirreġistra lil dik il-persuna, li juri li dik il-persuna tkun iskritta fil-Lista ta' Sotto-aġenti;

"ċertifikat ta' reġistrazzjoni", dwar persuna reġistrata bħala *broker* fl-assigurazzjoni, tfisser ċertifikat maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt l-artikolu 14 ta' dan l-Att lil dik il-persuna, li juri li dik il-persuna tkun reġistrata fir-Reġistru tal-*Brokers*;

"Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni" tfisser Direttiva dwar attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni maħruġa mill-Awtorità Kompetenti bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att;

"direttur", dwar kumpannija, tinkludi individwu li jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpannija, b'isem ikun li jkun imsejjaħ, li jkollu setgħa li jmexxi sostanzjalment l-istess funzjonijiet relattivi għad-direzzjoni tal- kumpannija bħal dawk magħmula minn direttur u, relattivament għal kumpannija barranija, tinkludi membru ta' bord lokali kif ukoll aġent u l-persuna msemmija bħala r-rappreżentant ta' dik il-kumpannija għall-fini tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att;

" fergħa"–

(a) dwar kumpannija lokali li tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni, jew li tmexxi attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni li jistgħu jiġu preskritti, tfisser il-fond tal-kumpannija, barra mill-uffiċċju prinċipali tagħha, minn fejn jitmexxew il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni jew attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni li jistgħu jiġu preskritti; u

(b) dwar kumpannija barranija li tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni jew li tmexxi attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni kif jista' jkun preskritt, tfisser il-fond f'Malta tal-kumpannija minn fejn il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni jew attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni oħra kif jistgħu jiġu preskritti jitmexxew minn persuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att u li jkollha awtorità li taġixxi għall-kumpannija;

"fondi tal-kumpannija stess" għandha tiftiehem skond Direttiva dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-Att biex tistabbilixxi l-elementi li jikkostitwixxu l-fondi tal-kumpannija stess;

"funzjonijiet" tinkludi responsabbiltajiet, setgħat u dmirijiet;

"grupp" u "gruppi ta' klassijiet", dwar kummerċ ġenerali, tfisser xi grupp ta' klassijiet jew partijiet minn klassijiet speċifikati fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"*holding* kwalifikattiv ta' azzjonijiet" tfisser *holding* dirett jew indirett f'kumpannija li jirrappreżenta għaxra fil-mija jew iżjed tal-kapital azzjonarju maħruġ minn dik il-kumpannija jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni marbuta ma' dak il-kapital azzjonarju jew li jagħmilha possibbli li tkun eżerċitata influwenza sinjifikanti fl-amministrazzjoni tal-kumpannija, u "azzjonist kwalifikanti" għandha tiftiehem f'dan is-sens;

"intermedjarju fl-assigurazzjoni" tfisser persuna li, bħala kummerċ, jew bħala parti mill-impieg tagħha, taqa' taħt xi waħda mill-kategoriji mniżżlin fl-Ewwel jew fit-Tieni Kolonna ta' l-Iskeda u tinkludi persuna li tipprovdi servizzi anċillari għal attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni kif jista' jiġi preskritt;

"iskritt" -

(a) dwar kumpannija li tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni, tfisser iskritt fil-Lista tal-*Brokers* taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att; u

(b) dwar persuna reġistrata bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni, tfisser iskritta fil-Lista ta' Sotto-aġenti taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att,

u, f'kull każ, "iskrizzjoni" għandha tiftiehem f'dan is-sens;

"klassi" -

(a) dwar kummerċ fit-tul, tfisser xi waħda mill-klassijiet speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni; u

(b) dwar kummerċ ġenerali, tfisser xi waħda mill-klassijiet specifikati fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dak l-Att;

"klijent", dwar kumpannija iskritta, tfisser persuna li tikkuntattja, jew li tiġi kuntattjata minn, kumpannija iskritta bil-għan li tikseb jew li tagħti parir dwar il-ħtiġiet ta' assigurazzjoni tagħha jew l-għemil ta' kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpannija ta' l-assigurazzjoni jew li għaliha l-kumpannija iskritta tkun irranġat kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpannija ta' assigurazzjoni;

"kondizzjonijiet" tinkludi obbligazzjonijiet u restrizzjonijiet;

"kontroll", dwar korp ġuridiku, tfisser is-setgħa biex jiġu stabbiliti l-*policies* finanzjarji u operattivi tal-korp ġuridiku;

"kontrollur", dwar korp ġuridiku, hija persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, teżerċita kontroll relattivament għall-korp ġuridiku;

"korp ġuridiku" tfisser kull entità li għandha l-personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħha;

"Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni", dwar *broker* fl-assigurazzjoni reġistrat jew kumpannija iskritta, tfisser l-attivitajiet imniżżlin fil-paragrafu (1) tat-Tielet Kolonna ta' l-Iskeda;

"kummerċ ta' l-assigurazzjoni" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"kumpannija" tinkludi kumpannija lokali u kumpannija barranija;

"kumpannija awtorizzata" tfisser kumpannija li hi awtorizzata, jew persuna li titqies li tkun awtorizzata, taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni, u tinkludi persuna awtorizzata taħt l-imsemmi Att biex taġixxi bħala aġent fl-assigurazzjoni ta' dik il-kumpannija jew persuna;

"kumpannija barranija" tfisser kumpannija jew soċjetà in akkomandita, li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, reġistrata, inkorporata jew kostitwita barra minn Malta taħt il-liġijiet ta' xi pajjiż, kemm-il darba dik il-kumpannija jew is-soċjetà in akkomandita tkun ħarset id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi li minn żmien għal żmien tkun issehħ f' Malta u li tkun tirreferi għaliha;

"kumpannija lokali" tfisser kumpannija b'responsabbiltà limitata ffurmata u reġistrata skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, u tinkludi, bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, soċjetà in akkomandita, li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, iffurmata u reġistrata skond l-imsemmi Att; Att XXV ta' l-1995.

"kumpannija ta' l-assigurazzjoni", dwar kumpannija iskritta, tfisser u tinkludi kumpannija, membru ta' Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut jew ta' kull impriża oħra li leġittimament tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni;

"kuntratt ta' assigurazzjoni" u "kuntratt" għandhom l-istess tifsiriet kif mogħti lilhom bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"Lista tal-*Brokers*" tfisser il-lista ta' kumpanniji li jmexxu kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni stabbilita u miżmuma taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att;

"Lista ta' Sotto-aġenti" tfisser il-lista ta' sotto-aġenti fl-assigurazzjoni reġistrati minn kumpanniji awtorizzati stabbilita u miżmuma taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

Att XIX ta' l-1994.

"*money laundering*" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att ta' l-1994 kontra *Money Laundering*;

"preskritt" tfisser preskritt b'regoli jew b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

"rabta" u "pajjiż tar-rabta" għandhom l-istess tifsiriet kif mogħti lilhom bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"rappreżentant" –

(a) dwar kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, li ma tkunx Lloyd's jew xi wieħed mill-membri tagħha jew Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut jew xi wieħed mill-membri tiegħu, għandha tiftiehem skond l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

(b) dwar Lloyd's jew xi wieħed mill-membri tagħha jew Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut jew xi wieħed mill-membri tiegħu, għandha tiftiehem skond il-paragrafi 4.1, 4.2 u 4.3 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dak l-Att;

"reġistrat"-

(a) dwar persuna reġistrata bħala *broker* fl-assigurazzjoni taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att, tfisser irreġistrat fir-Reġistru tal-*Brokers*; u

(b) dwar persuna reġistrata bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att, tfisser reġistrata fir-Reġistru ta' Kumpannija ta' Sotto-aġenti ta' kumpannija waħda jew iżjed,

u, f'kull każ, "reġistrazzjoni" għandha tiftiehem f'dan is-sens;

"Reġistru tal-*Brokers*" tfisser ir-reġistru tal-*brokers* fl-assigurazzjoni stabbilit u miżmum taħt l-artikolu 5 ta' dan l-Att;

"Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti", dwar kumpannija awtorizzata, tfisser ir-reġistru ta' kumpannija għal sotto-aġenti fl-assigurazzjoni stabbilit u miżmum mill-kumpannija taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 29 ta' dan l-Att;

"reklam", dwar attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni, tfisser kull xorta ta' reklamar, sew bil-fomm jew bil-miktub, u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, tinkludi reklamar f'pubblikazzjoni, il-wiri ta' avviżi, tabelli, tikketti jew kartelluni, bil-mezz ta' ittri, ċirkolarijiet, prospetti, katalgi, listi tal-prezzijiet jew dokumenti oħra, bil-wiri ta' stampi jew filmati fotografiċi jew ċinematografi, bil-mezz ta' xandir bis-smigħ jew bit-televiżjoni, bit-tqassim ta' reġistrazzjonijiet jew b'xi mod ieħor, u riferenzi għall-ħruġ ta' reklam għandhom jiftiehmu f'dan is-sens;

"riskju sitwat f'Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

"sena finanzjarja" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 26 ta' dan l-Att;

" Skeda" tfisser l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att;

"sotto-aġent fl-assigurazzjoni" tfisser persuna li tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni;

"uditur approvat" u "uditur" għandhom it-tifsir mogħti lilhom bis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att;

"uffiċjal", dwar kumpannija, tinkludi direttur, soċju, *manager,* jew segretarju tal-kumpannija jew xi persuna li effettivament taġixxi f'kariga bħal dik sew jekk maħtura formalment u sew jekk le.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal soċjetà in akkomandita bla ħsara għal dawk il-modifikazzjonijiet li l-Awtorità Kompetenti tista', minn żmien għal żmien, tagħmel f'xi dispożizzjoni tiegħu, liema modifikazzjonijiet ma għandhomx materjalment inaqqsu mill-għan prinċipali tad-dispożizzjoni hekk modifikata.

(3) F'dan l-Att u f'kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

SETGĦAT REGOLATORJI

3. (1) Għandu jkun id-dmir tal-Ministru li jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu b'dan l-Att sabiex jiżgura t-tħaris, minn persuni reġistrati

Setgħat u dmirijiet tal-Ministru.

bħala *brokers* fl-assigurazzjoni, kumpanniji iskritti biex imexxu kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni u persuni li jmexxu attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni, tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli u regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu u ta' dawk il-kondizzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu speċifikati fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew ta' iskrizzjoni rispettiv.

(2) L-Awtorità Kompetenti maħtura taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni għandha taqdi l-funzjonijiet ta' l-Awtorità Kompetenti taħt dan l-Att u dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jidhirlu xierqa dwar it-tħaddim ta' dan l-Att.

(3) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jagħmel ir-regoli jew ir-regolamenti li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex titwettaq kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u sabiex jemenda jew jirrevoka l-Iskeda u jista' jemenda jew jirrevoka dawk ir-regoli jew regolamenti; u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-Ministru jista', b'dawk ir-regoli jew regolamenti, b'mod partikolari, jipprovdi għal xi ħaġa jew kull ħaġa minn dan li ġej –

(a) id-drittijiet u l-ħlasijiet li għandhom jingabru dwar kull ħaġa provduta għaliha b'dan l-Att jew taħtu u kull regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu;

(b) ir-reġistrazzjoni u l-iskrizzjoni ta' persuni, barra minn persuni reġistrati u iskritti bis-saħħa ta' dan l-Att, li jmexxu attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni jew li jipprovdu għal servizzi anċillari għall-kummerċ ta' l-assigurazzjoni kif jista' jiġi preskritt;

(ċ) kull ħaġa li għandha x'taqsam jew li hi konnessa ma' xi dispożizzjoni li tinsab fl-Iskeda;

(d) il-penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu imposti u miġbura mill-Awtorità Kompetenti dwar infrazzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti minħajr ma jinstemgħu quddiem qorti; penali amministrattiva tkun dovuta lil-Awtorità Kompetenti bħala dejn ċivili:

Iżda l-penali amministrattiva ma tistax tkun akbar minn penali finanzjarja ta' ħamest elf lira Maltija dwar xi infrazzjoni u, meta l-infrazzjoni tkompli, penali oħra ta' mhux iżjed minn ħamsin lira Maltija għal kull jum li matulu l-infrazzjoni tkompli;

(e) il-penalitajiet jew pieni oħra li persuni li jiksru jew li jonqsu li jħarsu xi dispożizzjoni ta' xi regolament magħmul skond dan l-Att jistgħu jeħlu, liema penalitajiet ma jkunux inqas minn mitt lira Maltija u mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija, dwar kull reat u dwar reat kontinwat penali oħra ta' mhux iżjed minn mitt lira Maltija għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(4) Il-Ministru jista' wkoll b'regolamenti taħt dan l-artikolu, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti, jestendi u jagħmel applikabbli kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għal xi attività ta' intermedjarju fl-assigurazzjoni li tista' tiġi preskritta li fil-fehma tiegħu għandha, fl-interess pubbliku, tkun regolata b'dawk id-dispożizzjonijiet.

(5) Regoli u regolamenti magħmula taħt dan l-Att u kull emenda jew revoka ta' dawk ir-regoli u regolamenti, jistgħu jkunu pubblikati bl-ilsien Ingliż biss.

Setgħat u dmirijiet ta' l-Awtorità Kompetenti.

4. (1) Għandu jkun id-dmir ta' l-Awtorità Kompetenti li taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha b'dan l-Att jew taħtu u li tiżgura li persuni, kumpanniji jew intermedjarji ta' l-assigurazzjoni reġistrati jew iskritti skond dan l-Att u regoli jew regolamenti magħmula taħtu jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula taħtu, id-Direttivi dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni magħmula mill-Awtorità Kompetenti bis-saħħa ta' dan l-Att u ta' kull regoli u regolamenti magħmula taħtu, u mal-kondizzjonijiet speċifikati f'ċertifikati ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tagħmel Direttivi dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni kif ikun meħtieġ sabiex jingħata effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu. L-Awtorità Kompetenti tista' temenda jew tirrevoka dawk id-Direttivi dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni.

(3) Direttivi dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni u kull emenda għalihom jew revoka tagħhom għandhom ikunu komunikati lill-persuni jew kumpanniji li għandhom x'jaqsmu u l-pubbliku jkun jista' jarahom fl-uffiċċji ta' l-Awtorità Kompetenti f'kull ħin matul il-ħinijiet normali tax-xogħol ta' l-Awtorità.

(4) Direttivi dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula mill-Awtorità Kompetenti bis-saħħa ta' dan l-Att jistgħu jipprovdu li ħtiġiet regolatorji differenti jkunu applikabbli għal kategoriji differenti ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni; u bla ħsara għad-Direttivi dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni li huma maħruġa li jsiru taħt dan l-Att u

għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, l-Awtorità Kompetenti tista', b'dawk id-Direttivi dwar Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni, b'mod partikolari –

(a) tistabbilixxi x'jikkostitwixxi x'inhu xieraq u idoneju dwar intermedjarji fl-assigurazzjoni;

(b) tistabbilixxi, dwar intermedjarji fl-assigurazzjoni, il-kriterji ta' direzzjoni tajba u prudenti;

(ċ) tistabbilixxi t-tagħrif li kumpanniji iskritti li jmexxu kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni u persuni li jmexxu attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni għandhom jagħtu lil persuni li jkunu qed jitolbu jew jagħmlu użu minn servizzi ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni;

(d) tistabbilixxi l-kodiċijiet ta' mġieba li jistgħu jirregolaw kull aspett ta' negozju bejn l-intermedjarji fl-assigurazzjoni u kumpanniji fl-assigurazzjoni jew bejn dawk l-intermedjarji u persuni li jitolbu jew jagħmlu użu minn servizzi ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni;

(e) tistabbilixxi, dwar kummerċ ta' attivitajiet intermedjarji fl-assigurazzjoni, il-ħruġ ta' reklami, u l-għemil ta' xi attivitajiet oħra promozzjonali.

REĠISTRAZZJONI JEW ISKRIZZJONI GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMMERĊ BĦALA *BROKERS* FL-ASSIGURAZZJONI

Ir-reġistru ta' *brokers* fl-assigurazzjoni.

5. L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru ta' persuni li jmexxu kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru tal-*Brokers*", li jkun fih l-ismijiet, l-indirizzi, il-kwalifiki, u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Awtorità Kompetenti tista', minn żmien għal żmien, b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu, tistabbilixxi, tal-persuni kollha li taħt dan l-Att għandhom il-jedd li jkunu reġistrati fih u li japplikaw bil-mod stabbilit f'dik id-Direttiva biex ikunu hekk reġistrati.

Kwalifiki għal reġistrazzjoni.

6. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, persuna għandha jedd li tkun reġistrata fir-Reġistru tal-*Brokers* jekk tissodisfa lill-Awtorità Kompetenti li –

(a) tkun individwu;

(b) tkun persuna xierqa u idoneja, li tkun hekk reġistrata u li tiżgura d-direzzjoni tajba u prudenti tal-kumpannija;

(ċ) ikollha l-kwalifiki u tissodisfa jew tħares il-ħtiġiet stabbiliti b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta'dan l-artikolu.

(2) Persuna ma jkollhiex jedd li tmexxi xi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni bis-saħħa tar-reġistrazzjoni tagħha taħt dan l-artikolu kemm-il darba ma tkunx direttur jew impjegat ta' kumpannija li tkun iskritta taħt l-artikolu 9 jew 10 ta' dan l-Att.

Lista ta' kumpanniji li jmexxu kummerċ ta' *brokers* fl-assigurazzjoni.

7. L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm lista ta' kumpanniji li jkunu qed imexxu kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni, f'dan l-Att imsejħa "il-Lista tal-*Brokers*", li jkun fiha l-ismijiet, il-postijiet prinċipali tan-negozju u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Awtorità Kompetenti tista', minn żmien għal żmien, b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu, tistabbilixxi, tal-kumpanniji kollha li taħt dan l-Att għandhom il-jedd li jkunu iskritti fiha u li japplikaw bil-mod stabbilit f'dik id-Direttiva biex ikunu hekk iskritti.

Ħtiġiet ġenerali dwar iskrizzjoni.

8. Bla ħsara għall-artikolu 9 jew 10 ta' dan l-Att, skond il-każ, kumpannija jkollha l-jedd li tkun iskritta fil-Lista tal-*Brokers* jekk tissodisfa lill-Awtorità Kompetenti li -

(a) l-għanijiet tal-kumpannija jkunu limitati għall-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni u għal ħwejjeġ jew funzjonijiet konnessi miegħu jew anċillari għalih, bl-esklużjoni ta' kull kummerċ ta' negozju ieħor, barra minn kummerċ stabbilit b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu;

(b) il-fondi tal-kumpannija stess, kemm jekk f'liri Maltin jew fi flus oħra aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti, li f'kull żmien ikunu ħielsa, jammontaw għal valur ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin elf lira Maltin, jew dak il-valur ogħla li jista' jiġi preskritt:

Iżda l-Awtorità Kompetenti tista' wkoll teħtieġ dak il-valur ogħla li jidhrilha xieraq għax-xorta ta' kummerċ li jkun maħsub li jitmexxa mill-kumpannija;

(ċ) l-azzjonisti kwalifikanti kollha, il-kontrolluri u l-persuni kollha li effettivament jidderiġu l-funzjonijiet jew imexxu l-

attivitajiet tal-kumpannija huma xierqa u idoneji biex jiżguraw id-direzzjoni tajba u prudenti tagħha;

(d) il-kumpannija tikxef għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti dak it-tagħrif li l-Awtorità Kompetenti tkun talbet minn għandha dwar il-persuni li, ma' l-iskrizzjoni tal-kumpannija jkollhom xi interess proprjetarju, finanzjarju jew xi interess ieħor, f'dik, jew in konnessjoni ma', dik il-kumpannija;

(e) il-kumpannija tissottometti għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti skema ta' operazzjonijiet li għandha tinkludi partikolaritajiet jew provi kif jista' jiġi stabbilit bid-Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu;

(f) il-kumpannija jkollha fiż-żminijiet kollha favur tagħha polza ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali aċċettabbli mill-Awtorità Kompetenti, li jindennizza lilha, jew lil kull persuna impjegata minnha, jew li xort'oħra taġixxi għan-nom tagħha, f'dak l-ammont, b'dak il-mod u dwar dawk il-ħwejjeġ li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

Ħtiġiet speċifiċi għal iskrizzjoni fil-każ ta' kumpanniji lokali.

9. Kumpannija lokali jkollha l-jedd li tkun iskritta fil-Lista tal-*Brokers* jekk, b'żieda mal-ħtiġiet ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta li wieħed jew iżjed mid-diretturi tal-kumpannija jkunu *brokers* fl-assigurazzjoni reġistrati u l-kummerċ tal-*broking* fl-assigurazzjoni jkun qed jitmexxa taħt id-direzzjoni ta' *broker* fl-assigurazzjoni reġistrat.

Ħtiġiet speċifiċi għal iskrizzjoni fil-każ ta' kumpanniji barranin.

10. (1) Kumpannija barranija jkollha l-jedd li tkun iskritta fil-Lista tal-*Brokers* jekk, b'żieda mal-ħtiġiet ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta li –

(a) il-kumpannija tkun reġistrata jew ikollha l-permess fil-pajjiż fejn l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun qiegħed sitwat biex tmexxi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni;

(b) il-kumpannija jkollha f'Malta f'kull ħin –

(i) fergħa; u

(ii) rappreżentant.

(2) Dwar fergħa ta' kumpannija barranija li tkun qed tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni jew li tkun qed tmexxi xi attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni li jistgħu jkunu preskritti,

il-ħtiġiet hemmhekk imsemmija huma dawn li jidhru fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu –

(a) fil-każ ta' kumpannija li tkun qed tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni:

(i) il-persuna tkun *broker* fl-assigurazzjoni reġistrat;

(ii) il-persuna tkun direttur tal-kumpannija jew ikollha l-awtorità li taġixxi għan-nom ta' dik il-kumpannija; u l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni jkun qed jitmexxa taħt id-direzzjoni tagħha;

(iii) il-persuna ma tkunx uditur approvat, jew soċju jew impjegat ta' uditur approvat tal-kumpannija;

(b) fil-każ ta' kumpannija li tkun qed tmexxi attivitajiet oħra ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni li jistgħu jkunu preskritti, id-dispożizzjonijiet li jkunu preskritti.

Reġistrazzjoni ta' persuni għat-tmexxija ta' kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni.

11. Ebda persuna ma għandha taġixxi bħala *broker* fl-assigurazzjoni u tmexxi, jew tipprova tmexxi, f'Malta jew minn Malta, kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx reġistrata taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att.

Iskrizzjoni ta' kumpanniji għat-tmexxija ta' kummerċ bħala *brokers* fl-assigurazzjoni.

12. (1) Ebda kumpannija li tkun kumpannija lokali ma għandha tmexxi, jew tipprova tmexxi, f'Malta jew minn Malta, jew f'pajjiż jew minn pajjiż barra minn Malta, kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni kemm-il darba dik il-kumpannija ma tkunx iskritta taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att.

(2) Ebda kumpannija li tkun kumpannija barranija ma għandha tmexxi, jew tipprova tmexxi, f'Malta jew minn Malta, kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni kemm-il darba dik il-kumpannija ma tkunx iskritta taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att.

Għoti ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni.

13. (1) Applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew iskrizzjoni taħt dan l-artikolu għandha ssir f'dik il-forma u b'dak il-mod li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.

(2) L-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa li teħtieġ lil applikant jipprovdi dak it-tagħrif li jidhrilha meħtieġ sabiex tiddeċiedi dwar applikazzjoni jew iskrizzjoni taħt dan l-artikolu.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' tagħti reġistrazzjoni jew iskrizzjoni taħt dan l-artikolu biss jekk tkun sodisfatta, fuq il-bażi tat-

tagħrif meħtieġ li jingħata taħt dan l-Att u kull tagħrif li hi tirċievi, li r-reġistrazzjoni jew l-iskrizzjoni għandha tingħata.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' tissuġġetta reġistrazzjoni jew iskrizzjoni magħmula taħt dan l-artikolu għal dawk il-kondizzjonijiet li minn żmien għal żmien jidhrilha xierqa li timponi.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew iskrizzjoni taħt dan l-artikolu fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-tagħrif li hu meħtieġ li jingħata taħt dan l-Att; u jekk tirrifjuta li tagħti r-reġistrazzjoni jew l-iskrizzjoni għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub ir-raġunijiet għar-rifjut.

Certifikati ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni.

14. (1) Ma' l-għoti ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew iskrizzjoni taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ lill-applikant konċernat ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni fil-forma u bil-mod li jidhrilha xieraq u li juri –

(a) fil-każ ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ta' l-applikant konċernat fir-Reġistru tal-*Brokers*;

(b) fil-każ ta' applikazzjoni għal iskrizzjoni, iskrizzjoni ta' l-applikant konċernat fil-Lista tal-*Brokers*.

(2) Ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni maħruġ taħt dan l-artikolu jew kopja uffiċjali tiegħu, għandha titqiegħed għall-wiri f'post prominenti mid-detentur konċernat fil-post jew fil-postijiet tan-negozju tiegħu, jew f'parti minnhom fejn il-pubbliku jkollu aċċess.

Ftuħ ta' fergħat minn kumpanniji lokali iskritti.

15. (1) Kull kumpannija lokali iskritta taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att għandha tapplika għand l-Awtorità Kompetenti bil-miktub qabel ma tiftaħ fergħa f'Malta.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tagħti permess lil kumpannija lokali iskritta kif intqal qabel li tiftaħ fergħa f'Malta jekk tkun sodisfatta li l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni li jitmexxa minnha minn dik il-fergħa jkun taħt id-direzzjoni ta' *broker* fl-assigurazzjoni reġistrat.

(3) Ħlief bil-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorità Kompetenti, ebda kumpannija lokali iskritta kif intqal qabel ma tista' tiftaħ fergħa jew uffiċċju jew tistabbilixxi jew takkwista xi sussidjarja f'xi pajjiż barra minn Malta.

Thassir ta' isem mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*.

16. Bla ħsara għal kull ħaġa li tinsab f'xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' f'kull żmien tħassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers* l-isem ta' kull persuna reġistrata jew kumpannija iskritta jekk –

(a) xi dokument jew tagħrif li jingħata ma' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew iskrizzjoni, jew xi tagħrif li jingħata dwarha, ikun falz, mhux korrett jew qarrieqi f'xi partikolar materjali, jew jekk il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta tkun ħbiet, jew ħbiet minn, jew tonqos li tgħarraf lil, l-Awtorità Kompetenti xi dokument jew tagħrif jew tibdil fih li kienet fid-dmir li tikxef jew li tgħarraf taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni; jew

(b) tikkunsidra li l-persuna reġistrata jew l-kumpannija iskritta ma tkunx tissodisfa il-ħtiġiet ta', jew tkun kisret, xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ta' xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, jew tkun naqset li tissodisfa jew tħares xi kondizzjoni li hu jew hi, jew ir-reġistrazzjoni jew l-iskrizzjoni, ikunu suġġetti għaliha bis-saħħa ta' dan l-Att jew taħtu; jew

(ċ) tikkonsidra li l-persuna reġistrata ma tkunx tajba biex isimha jibqa' fuq ir-Reġistru tal-*Brokers* jew il-kumpannija iskritta ma tkunx immexxija b'mod tajjeb u prudenti biex isimha jibqa' fuq il-Lista tal-*Brokers*; jew

(d) tirċievi talba bil-miktub biex tagħmel hekk mingħand il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta; jew

(e) il-kumpannija iskritta ma jkunx baqgħalha il-fondi tal-kumpannija stess biżżejjed kemm meħtieġ; jew

(f) il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta tonqos li tħallas id-dritt meta jkun dovut biex tibqa' reġistrata jew tibqa' iskritta; jew

(ġ) il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta ma jibdewx imexxu l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni fi żmien tnax-il xahar mir-reġistrazzjoni jew mill-iskrizzjoni, jew f'dak iż-żmien l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew iskrizzjoni, jew li jista' jingħata mill-Awtorità Kompetenti; jew

(ħ) il-kumpannija iskritta tkun ġiet dikjarata falluta jew tmur f'likwidazzjoni jew tagħmel kompożizzjoni mal-krediturі tagħha jew xort'oħra tkun xolta; jew

(i) jekk il-kumpannija iskritta ma jibqax ikollha fuq il-bord tad-diretturi tagħha xi persuna li tkun *broker* fl-assigurazzjoni reġistrat; jew

(j) tikkonsidra li, minħabba l-mod li bih il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta tkun qed tmexxi l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni, jew għal xi raġuni valida oħra, l-interess ta' l-industrija ta' l-assigurazzjoni jew tal-pubbliku ikun mhedded; jew

(k) il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta tkun miżapproprjat jew ikkonvertit għall-użu tagħha jew żammet illegalment flus li jkunu miżmuma, jew meħtieġa li jinżammu, minnha bħala fiduċjarja; jew

(l) il-persuna reġistrata tkun misjuba ħatja minn xi qorti ta' liġi ta' xi reat kriminali, li ma jkunx reat li, minħabba ċ-ċokon tiegħu jew iċ-ċirkostanzi li fih ikun sar, ma jirrendihix mhux xierqa biex isimha jkun fuq ir-Reġistru tal-*Brokers*; jew

(m) il-persuna reġistrata jew il-kumpannija iskritta tkun meqjusa mill-Awtorità Kompetenti li tkun mexxiet kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni b'mod mhux professjonali.

Avviż ta' ħsieb ta' thassir ta' isem mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*.

17. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, meta l-Awtorità Kompetenti jkun bi ħsiebha thassar l-isem ta' persuna reġistrata jew ta' kumpannija iskritta mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*, din għandha tagħti avviż bil-miktub lill-persuna jew lill-kumpannija fejn tagħti r-raġunijiet għaliex bi ħsiebha tagħmel hekk.

(2) Kull avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jgħid li l-persuna jew il-kumpannija konċernata tista', f'dak iż-żmien xieraq min-notifika hekk kif jingħad fl-avviż (li ma jkunx inqas minn tmienja u erbgħin siegħa u mhux iktar minn ħmistax-il jum) tagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti fejn tagħti r-raġunijiet għaliex ir-reġistrazzjoni jew l-iskrizzjoni ma għandhiex tithassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers* u l-Awtorità Kompetenti tista' tikkunsidra kull rappreżentazzjonijiet hekk magħmula qabel tasal għal deċiżjoni finali.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tavża bil-miktub id-deċiżjoni finali tagħha lill-persuna jew lill-kumpannija konċernata

(4) Ma' l-avviż mill-Awtorità Kompetenti lil persuna jew kumpannija li isimha jkun thassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*, il-persuna jew il-kumpannija konċernata għandha minnufih tikkonsenja lill-Awtorità Kompetenti ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew iskrizzjoni, u kull kopji uffiċjali tiegħu.

Restituzzjoni ta' isem li jkun thassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*.

18. (1) Meta l-isem ta' persuna jew ta' kumpannija jkun thassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers* skond deċiżjoni li tittieħed taħt l-artikolu 16 ta' dan l-Att, l-isem ta' dik il-persuna jew kumpannija ma jerġgħux jidħlu fir-reġistru jew fil-lista kemm-il darba –

(a) ma jkunx ordnat xort'oħra mit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji; jew

(b) fin-nuqqas ta' dak l-ordni, l-Awtorità Kompetenti, fuq applikazzjoni magħmula lilha għal dan l-għan, ma tiddeċidix xort'oħra.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi fuq applikazzjoni għar-restituzzjoni ta' isem ta' persuna jew ta' kumpannija fir-Reġistru tal-*Brokers* jew fil-Lista tal-*Brokers* taħt dan l-artikolu fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-tagħrif meħtieġ li jingħata taħt dan l-Att daqslikieku l-applikazzjoni kienet applikazzjoni magħmula taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att; u jekk tirrifjuta li tirrestitwixxi isem ta' persuna jew ta' kumpannija fir-Reġistru tal-*Brokers* jew fil-Lista tal-*Brokers*, din għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub ir-raġunijiet għar-rifjut.

(3) Is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma japplikax meta r-restituzzjoni ta' isem ta' persuna jew ta' kumpannija fir-Reġistru tal-*Brokers* jew fil-Lista tal-*Brokers* ssir b'ordni tat-Tribunal.

(4) Meta l-isem ta' persuna jew kumpannija jitħassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers* għal xi waħda mir-raġunijiet speċifikati fl-artikolu 16 ta' dan l-Att, jekk l-Awtorità Kompetenti tagħżel li tagħti pubbliċità għat-thassir ta' dak l-isem mir-Reġistru tal-*Brokers* jew mil-Lista tal-*Brokers*, l-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika avviż li jagħti pubbliċità lil dak it-thassir ta' isem b'mod li jidhirlha xieraq għall-inqas f'żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż; u t-test ta' l-avviż għandu jkun bil-Malti fil-gazzetta bil-Malti u bl-Ingliż fil-gazzetta bl-Ingliż.

(5) L-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa tordna li l-ispejjeż kollha ta' pubblikazzjoni ta' avviż li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu, jew parti minnhom kif jidhirlha xierqa, għandhom jitħallsu mill-persuna jew kumpannija konċernata; u kull ammont hekk dovut

għandu jingħabar mill-Awtorità Kompetenti bl-istess mod bħalma tingħabar penali amministrattiva imposta skond dan l-Att.

OBBLIGAZZJONIJIET TA' KUMPANNIJI ISKRITTI

Flejjes miżmuma f'kapacità fiduċjarja.

19. (1) Kull kumpannija iskritta għandha żżomm il-flejjes kollha li jkunu għandha f'kapaċità fiduċjarja separati mill-flejjes tagħha stess u għandha, dwar dawk il-flejjes, iżżomm kontijiet separati skond ħtiġiet stabbiliti minn Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta'dan l-artikolu.

(2) Ebda persuna m'għandu jkollha jew tikseb xi rimedju jew dritt dwar flejjes li jkunu bi kreditu tal-kont imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dwar xi talba jew dritt kontra kumpannija iskritta sakemm kull talba proprja għal dawk il-flejjes tkun ġiet sodisfatta.

Garanzija ta' fedeltà meħtieġa minn kumpanniji iskritti.

20. (1) Bla ħsara għall-artikolu 19 ta' dan l-Att, kull kumpannija iskritta għandha tagħmel garanzija ta' fedeltà f'forma speċifikata, dwar il-kummerċ tagħha ta' *broking* fl-assigurazzjoni, f'dawk iċ-ċirkustanżi, ta' dak il-valur, b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tipprovdi li fil-każ li kumpannija iskritta ma tkunx tista' jew tonqos milli tissodisfa l-obbligazzjonijiet finanzjarji tagħha dwar xi somom ta' flus riċevuti minnha mingħand, jew għan-nom ta', il-klijenti tagħha, somma ta' flus titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' persuna nominata jew approvata mill-Awtorità Kompetenti biex tintuża għall-benefiċċju ta' xi klijent tal-kumpannija li jkun sofra telf jew dannu minħabba li l-kumpannija ma tkunx setgħat jew naqset milli tissodisfa dawk l-obbligazzjonijiet finanzjarji tagħha.

Kuntratti ta' assigurazzjoni dwar riskji sitwati f'Malta jew rabtiet meta Malta tkun il-pajjiż tar-rabta.

21. (1) Bla ħsara għas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija b'mod ġenerali b'Ordni fil-Gazzetta, jew bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti mogħtija speċifikament bil-miktub, kuntratt ta' assigurazzjoni dwar riskju sitwat f'Malta jew dwar rabta meta Malta tkun il-pajjiż tar-rabta, negozjat, irranġat jew miksub minn kumpannija iskritta f'isem persuna assigurata jew persuna li tkun se tiġi assigurata għandu jsir ma' kumpannija awtorizzata.

(2) Meta kuntratt ta' assigurazzjoni jkun kuntratt ta' klassi ta' kummerċ ġenerali jew ta' parti minn klassi li jaqa' taħt il-grupp 3 tal-Parti II tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar il-

Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u dak il-kuntratt ikun kuntratt dwar riskju sitwat f'Malta u jittieħed ma' *Protection and Indemnity Club,* dak il-*Club* għandu jkun *Club* taħt it-tifsira ta' *"Protection and Indemnity Club"* kif miftiehem skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' l-imsemmi Att; u l-*Club* għandu jissodisfa jew iħares il-ħtiġiet ta' Direttiva dwar l-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu jew mad-data jew qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dak il-kuntratt jew mhux iktar tard minn tletin jum mid-data ta' dak il-bidu fis-seħħ.

(3) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal –

(a) kummerċ ta' assigurazzjoni ta' xi klassi, jew ta' parti minn klassi, skond it-tifsir mogħti fil-gruppi 3 u 4, li ma jkunux kuntratti dwar riskji marittimu li l-Ministru jista', b'Ordni fil-Gazzetta, minn żmien għal żmien jistabbilixxi;

(b) kummerċ ta' rijassigurazzjoni jew assigurazzjoni affiljata.

Avviż dwar persuni reġistrati fir-Reġistru tal-*Brokers*.

22. Kull kumpannija iskritta għandha, mhux iktar tard mill-aħħar ta' Jannar ta' kull sena, tagħti avviż bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti b'dak il-mod li l-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ, l-isem u l-partikolaritajiet l-oħra li wkoll tista' teħtieġ, ta' kull direttur u impjegat tal-kumpannija li jkunu reġistrati fir-Reġistru tal-*Brokers*; u matul it-tnax-il xahar ta' wara, il-kumpannija għandha tagħti avviż bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti b'kull tibdil li, minn żmien għal żmien, jista' jkun hemm fost dawk id-diretturi u impjegati, u dak l-avviż għandu jingħata mhux iktar tard minn għoxrin jum mid-data li jiġri dan it-tibdil.

Għoti ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati.

23. Kull kumpannija iskritta għandha, mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data ta' l-għeluq tas-sena finanzjarja tagħha, jew f'xi żmien ieħor li eċċezzjonalment ikun awtorizzat bil-miktub mill-Awtorità Kompetenti, tibgħat lill-Awtorità Kompetenti kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tagħha li jkunu saru –

(a) fil-każ ta' kumpannija lokali, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' 1995 dwar il-Kumpanniji; u

(b) fil-każ ta' kumpannija barranija, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-pajjiż fejn l-uffiċċju prinċipali tal-kumpannija jkun sitwat li jirregolaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' dawn il-kumpanniji.

Għoti ta' dikjarazzjonijiet dwar kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni.

24. (1) Bla ħsara għas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, kumpannija iskritta li f'xi sena kalendarja tmexxi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni għandha, dwar il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni li hekk tkun mexxiet, tibgħat lill-Awtorità Kompetenti dikjarazzjoni dwar dak il-kummerċ magħmula f'dik il-forma, f'dak il-mod u b'dak il-kontenut li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu; u d-data sa meta dik id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat tkun ukoll stabbilita b'dik id-Direttiva.

(2) Id-dikjarazzjoni li għandha tingħata taħt dan l-artikolu għandha tkun verifikata bil-mod meħtieġ bid-Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista' f'kull żmien tordna lil kumpannija iskritta biex tagħtiha dik id-dikjarazzjoni kull tant żmien u għal dak il-perijodu li tista' tispeċifika f'dak l-ordni.

Kumpanniji li jieqfu mit-tmexxija ta' kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni.

25. Kumpannija iskritta ma għandhiex tieqaf milli tmexxi, f'Malta jew minn Malta, kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni ħlief bil-permess ta' l-Awtorità Kompetenti mogħti bil-miktub fuq applikazzjoni li ssirilha għal hekk b'dak il-mod li tista' teħtieġ, u bit-tħaris ta' dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlha xierqa li timponi.

SENA FINANZJARJA U UDITURI

Sena finanzjarja ta' kumpanniji iskritti.

26. (1) Kull kumpannija iskritta li tkun kumpannija lokali għandha mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data ta' l-iskrizzjoni tal-kumpannija, tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti meta tkun is-sena finanzjarja tagħha; u, fin-nuqqas ta' dak l-avviż, is-sena finanzjarja tal-kumpannija għandha tintemm fil-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena.

(2) Ebda kumpannija iskritta kif intqal qabel ma għandha tibdel is-sena finanzjarja tagħha kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx tat l-approvazzjoni tagħha bil-miktub fuq applikazzjoni li ssirilha għal hekk.

(3) Kull kumpannija barranija li tapplika għal iskrizzjoni taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att għandha, ma' l-applikazzjoni, tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti meta tkun is-sena finanzjarja tagħha; u wara l-iskrizzjoni taħt dak l-artikolu, meta kumpannija barranija tibdel is-sena finanzjarja tagħha, għandha minnufih tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti b'dak it-tibdil.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-Att sena finanzjarja –

(a) dwar kumpannija iskritta li tkun kumpannija lokali, tfisser perijodu ta' kontijiet kif jiftiehem skond l-artikoli minn 164 sa 166 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji;

(b) dwar kumpannija iskritta li tkun kumpannija barranija, tfisser perijodu ta' kontijiet kif jiftiehem skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tal-pajjiż fejn ikun qiegħed l-uffiċċju prinċipali tal-kumpannija li jkunu jirregolaw il-perijodu ta' kontijiet ta' dawk il-kumpanniji.

Ħatra, dmirijiet u terminazzjoni ta' ħatra ta' udituri.

27. (1) Kull kumpannija iskritta għandha kull sena taħtar uditur approvat bħala uditur tal-kumpannija li d-dmir tiegħu jkun li jirrapporta dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-kumpannija eżaminati minnu u dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mħejjija mill-kumpannija.

(2) Jekk kumpannija iskritta tonqos li taħtar uditur skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew, f'xi żmien tonqos li timla vakanza fil-kariga ta' uditur, l-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa li taħtar uditur għal dik il-kumpannija u għandha tistabbilixxi r-remunerazzjoni li għandha titħallas minn dik il-kumpannija lil dak l-uditur.

(3) Ir-rapport ta' l-uditur għandu jinkludi dikjarazzjoni dwar jekk id-diversi ħtiġiet ta' dan l-Att u ta' kull regoli jew regolamenti magħmula taħtu u ta' kull Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni dwar il-kumpannija ikunux tħarsu u ġew osservati.

(4) Kull uditur ta' kumpannija iskritta jkollu l-jedd li jitlob dak it-tagħrif jew spjegazzjoni li jidhirlu meħtieġa fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu mingħand kull uffiċjal jew impjegat ta', jew kull persuna li jkollha ħatra minn, dik il-kumpannija.

(5) Uditur għandu minnufih javża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti jekk –

(a) jirriżenja;

(b) ma jkunx bi ħsiebu jieħu dik il-kariga mill-ġdid; jew

(ċ) jiddeċiedi li jikkwalifika r-rapport ta' verifika,

u, fil-każ ta' riżenja, l-uditur għandu jispeċifika r-raġunijiet għaliex għamel hekk.

(6) Kumpannija iskritta għandha tagħti avviż bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti minnufih malli tirċievi avviż ta' riżoluzzjoni maħsub biex jitqiegħed quddiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-kumpannija biex tinħatar bħala uditur persuna li ma tkunx l-uditur li se jirtira jew li xort'oħra jipprovdi espressament li l-uditur li jkun se jirtira ma jerġax jiġi maħtur.

(7) Meta, għal xi raġuni tkun li tkun, il-ħatra ta' uditur tintemm, il-kumpannija iskritta għandha, mhux iktar tard minn erbatax-il jum mit-tmiem ta' dik il-ħatra, tagħti avviż bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti fejn tgħid ir-raġunijiet għal dak it-tmiem.

(8) L-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ lil kumpannija iskritta biex tibdel lill-uditur maħtur minnha meta, fil-fehma ta' l-Awtorità Kompetenti, dak l-uditur jitqies li ma jkunx adatt għal din il-kariga, f'xi żmien matul il-perijodu tal-ħatra tiegħu.

(9) Qabel ma teħtieġ lil kumpannija iskritta biex tbiddel lill-uditur tagħha fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti għandha tavża bil-miktub l-intenzjoni tagħha lill-kumpannija u lill-uditur konċernat fejn tagħti r-raġunijiet li teħtieġ dak it-tibdil u tagħti lill-uditur l-opportunità li jissottometti fi żmien erbatax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, ir-raġuni għaliex il-ħatra tiegħu ma' dik il-kumpannija ma għandhiex tintemm.

(10) Għall-finijiet ta' dan l-Att, uditur approvat għandu jkun persuna li tkun kwalifikata biex tkun uditur skond l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u li jkollha l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti biex taġixxi bħala uditur maħruġa lilha taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.

(11) Minkejja kull ħaġa li tinsab fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista', fil-każ ta' kumpannija barranija, tapprova dawk l-arranġamenti alternattivi li jidhrilha raġonevoli u li ma jkunux jiddevjaw materjalment mill-għanijiet ewlenin ta' dan l-artikolu, u meta dawk l-arranġamenti jkunu twettqu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw safejn ikunu sostitwiti b'dawk l-arranġamenti.

(12) Jekk, fil-kariga tiegħu bħala uditur ta' kumpannija iskritta jew bħala riżultat ta' talba diretta mill-Awtorità Kompetenti taħt dan l-Att, uditur isir jaf b'xi materja li jkollha x'taqsam ma' u li jista' jkollha effett avvers serju fuq l-istabbilità u s-saħħa tal-kumpannija jew l-integrità tal-kummerċ tal-*broking* fl-assigurazzjoni f'Malta, huwa għandu minnufih jgħarraf lill-Awtorità Kompetenti permezz tad-

direzzjoni tal-kumpannija jew, jekk iċ-ċirkostanzi hekk jiġġustifikaw, direttament lill-Awtorità Kompetenti.

(13) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (10) ta' dan l-artikolu, sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, id-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu għandhom jipprevalu u d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ma għandhomx, sa fejn ikunu inkonsistenti, japplikaw għal kumpannija iskritta.

Komunikazzjoni mill-udituri eċċ ma' l-Awtorità Kompetenti.

28. Ebda dmir (inkluż id-dmir tas-sigriet professjonali) li għalih -

(a) uditur ta' kumpannija iskritta jista' jkun suġġett, ma għandu jitqies li jkun inkiser minħabba li dan ikun b'*bona fide* ikkomunika lill-Awtorità Kompetenti, sew jekk wara talba li din tkun għamlet u sew jekk le, xi informazzjoni jew opinjoni dwar materja li l-uditur ikun sar jaf biha minħabba l-kariga tiegħu bħala uditur ta' dik il-kumpannija u li tkun rilevanti għal xi funzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew li tkun meħtieġa li tkun komunikata bis-saħħa ta' dan l-Att;

(b) persuna maħtura biex tagħmel rapport taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att tista' tkun suġġetta, ma għandu jitqies li jkun inkiser minħabba li dan ikun ikkomunika *in bona fide* lill-Awtorità Kompetenti, sew jekk wara talba li din tkun għamlet u sew jekk le, fuq xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kummerċ jew l-affarijiet ta' kumpannija iskritta li dwarha jsir rapport.

REĠISTRAZZJONI U ISKRIZZJONI TA' SOTTO-AĠENTI FL-ASSIGURAZZJONI

Ir-reġistri ta' kumpanniji għal sotto-aġenti fl-assigurazzjoni.

29. (1) Kull kumpannija awtorizzata li tkun tixtieq taħtar persuna biex taġixxi f'isimha bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru ta' persuni li jaħdmu bħala sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti", li jkun fih l-ismijiet, l-indirizzi, il-klassi jew klassijiet ta' kummerċ fit-tul jew il-grupp jew gruppi ta' klassijiet ta' kummerċ ġenerali li jkun se jitmexxa minn dawk il-persuni skond il-ħatra rispettiva ta' sotto-aġenzija u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi, minn żmien għal żmien, b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu, tal-persuni kollha li għandhom jedd li jkunu reġistrati fih taħt dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull kumpannija awtorizzata għandha tistabbilixxi l-

proċeduri tagħha stess dwar il-ħatra u r-reġistrazzjoni ta' persuna bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' dik il-kumpannija.

Kwalifiki għal reġistrazzjoni.

30. (1) Persuna jkollha l-jedd li tkun reġistrata minn kumpannija awtorizzata fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija jekk il-kumpannija tkun sodisfatta li dik il-persuna tkun xierqa u idoneja li tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni.

(2) Persuna ma jkollhiex jedd tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni bis-saħħa tar-reġistrazzjoni tagħha taħt dan l-artikolu sakemm u mhux qabel ma tkun iskritta mill-Awtorità Kompetenti fil-Lista ta' Sotto-aġenti taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att.

Lista ta' persuni li jmexxu attivitajiet ta' sotto-aġenziji ta' l-assigurazzjoni.

31. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm lista ta' persuni li jmexxu attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni, f'dan l-Att imsejħa "il-Lista ta' Sotto-aġenti", li jkun fiha l-ismijiet ta' dawk il-persuni, l-ismijiet ta' kumpanniji awtorizzati li jaħtru u jirreġistraw lil dawk il-persuni bħala sotto-aġenti fl-assigurazzjoni, il-klassi jew klassijiet ta' kummerċ fit-tul jew il-grupp jew gruppi ta' klassijiet ta' kummerċ ġenerali li jkunu se jitmexxew minn dawk il-persuni taħt il-ħatra rispettiva tagħhom ta' sotto-aġenzija u dawk il-partikolaritajiet l-oħra li l-Awtorità Kompetenti tista' tistabbilixxi, minn żmien għal żmien, b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu, tal-persuni kollha li għandhom il-jedd li jkunu iskritti fiha taħt dan l-artikolu.

(2) Ikun id-dmir ta' kumpannija awtorizzata li tagħmel l-iskrizzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti fil-Lista ta' Sotto-aġenti ta' kull persuna reġistrata minnha bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpanniji għal Sotto-aġenti taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att.

(3) Mal-kisba mill-Awtorità Kompetenti ta' xi ċertifikat ta' iskrizzjoni taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att, kumpannija awtorizzata għandha tagħti lill-persuna li f'isimha jinħareġ iċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni ċ-ċertifkat mogħti lill-kumpannija mill-Awtorità Kompetenti jew kopja uffiċjali tiegħu.

(4) Meta persuna iskritta kif intqal qabel tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni minn post ta' negozju jew minn xi post ieħor, il-persuna għandha tqiegħed għall-wiri f'pożizzjoni prominenti f'dak il-post, f'parti minnu fejn il-pubbliku jkollu aċċess, iċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt dan l-artikolu jew kopja uffiċjali tiegħu.

32. Ebda persuna ma għandha taġixxi bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni u tmexxi, jew tipprova tmexxi, f'Malta attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx maħtura, reġistrata u iskritta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Restrizzjoni ta' persuni biex imexxu attivitajiet ta' sotto-aġenti fl-assigurazzjoni.

33. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull kumpannija awtorizzata li tkun tixtieq taħtar persuna biex taġixxi f'isimha bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni għandha, taħt dan l-artikolu, taħtar u tirreġistra fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija u tagħmel l-iskrizzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti fil-Lista ta' Sotto-aġenti, ta' persuna jew persuni biex jaġixxu f'isimha bħala sotto-aġenti fl-assigurazzjoni u biex imexxu f'Malta attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni f'dik il-klassi jew f'dawk il-klassijiet ta' kummerċ fit-tul jew f'dik il-klassi jew f'dawk il-klassijiet, jew il-grupp jew gruppi ta' klassijiet ta' kummerċ ġenerali speċifikati fil-ħatriet tas-sotto-aġenzija rispettivi; u, meta persuna ma tkunx individwu, dik il-persuna għandha hi nnifisha jkollha individwu li jissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' artikolu 30 ta' dan l-Att:

Hatra, reġistrazzjoni u iskrizzjoni ta' sotto-aġenti fl-assigurazzjoni.

Iżda kumpannija hija projbita milli taħtar u tirreġistra fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija persuna li tkun –

(a) persuna reġistrata fir-Reġistru tal-*Brokers* taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att;

(b) kumpannija iskritta fil-Lista tal-*Brokers* taħt dak l-artikolu;

(ċ) kumpannija awtorizzata taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni -

(i) biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni;

(ii) biex taġixxi bħala aġent fl-assigurazzjoni;

(iii) biex taġixxi ta' manager fl-assigurazzjoni:

Iżda wkoll kumpannija hi projbita milli taħtar xi persuna li taġixxi f'isimha bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni biex tmexxi xi attività ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni li taqa' f'xi klassi jew grupp ta' klassijiet ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni li l-Awtorità Kompetenti tista' minn żmien għal żmien b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu tistabbilixxi li hi klassi jew grupp ta' klassijiet ta' kummerċ li fihom ebda attività ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni ma tista' titmexxa.

(2) Meta kumpannija awtorizzata taħtar u tirreġistra fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija persuna li ma tkunx individwu, u dik il-persuna tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni minn post ta' negozju wieħed, jew iktar, dik il-persuna għandha tiżgura li l-attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni li hekk jitmexxew minnha minn kull post bħal dak tan-negozju jitmexxew biss minn individwu li jissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att.

(3) Bla ħsara għas-subartikoli (4) sa (6) ta' dan l-artikolu persuna, barra minn persuna msemmija fl-ewwel proviso għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tista' tipprova u tikseb taħt dan l-artikolu ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' xi kumpannija awtorizzata, biex tmexxi f'isem dik il-kumpannija attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni.

(4) Persuna li tkun tixtieq tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' kumpannija awtorizzata biex tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurrazzjoni –

(a) dwar kummerċ fit-tul, tista' tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' mhux iżjed minn żewġ kumpanniji awtorizzati li jmexxu kummerċ fit-tul;

(b) dwar kummerċ ġenerali, tista' tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' mhux iżjed minn żewġ kumpanniji awtorizzati li jmexxu kummerċ ġenerali.

(5) Meta persuna tkun tixtieq tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' iktar minn kumpannija waħda awtorizzata li tmexxi kummerċ fit-tul, u meta xi klassi ta' kummerċ fit-tul li jitmexxa mill-kumpanniji konċernati jkun ta' l-istess xorta, dik il-persuna għandha, dwar dik il-klassi ta' kummerċ, tipprova u tikseb ħatra u reġistrazzjoni biex tmexxi attivittajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni dwar dik ix-xorta ta' kummerċ biss fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' waħda mill-kumpanniji konċernati.

(6) Meta persuna tkun tixtieq tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' iktar minn kumpannija waħda awtorizzata li tmexxi kummerċ ġenerali, u meta xi klassi, jew grupp ta' klassijiet, ta' kummerċ ġenerali li jitmexxa mill-kumpanniji konċernati jkun ta' l-istess xorta, dik il-persuna għandha, dwar dik il-klassi, jew grupp ta' klassijiet, ta' kummerċ, tipprova u tikseb ħatra u reġistrazzjoni biex tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni

dwar dik il-klassi, jew grupp ta' klassijiet, ta' kummerċ biss fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' waħda mill-kumpanniji konċernati.

(7) Ebda persuna li tkun impjegat ta' kumpannija awtorizzata ma għandha, minħabba biss il-fatt li tkun impjegat mal-kumpannija, teħtieġ reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti taħt dan l-artikolu ħlief fejn dik il-persuna tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni f'isem il-kumpannija f'post jew f'postijiet li ma jkunux post jew postijiet tan-negozju tal-kumpannija.

(8) Meta l-Awtorità Kompetenti tilqa' applikazzjoni għall-iskrizzjoni taħt dan l-artikolu, hija għandha toħroġ lill-applikant konċernat ċertifikat ta' iskrizzjoni fl-għamla u bil-mod li tqis li jkun xieraq hekk li jkun prova tal-persuna reġistrata fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' l-applikant fil-Lista ta' Sotto-aġenti.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' tissoġġetta l-iskrizzjoni li tkun saret taħt dan l-artikolu għal dawk il-kundizzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tqis li jkunu xierqa li timponi.

(10) Kumpannija awtorizzata tkun f'kull żmien responsabbli għal kull għemil jew nuqqas ta' għemil tas-sotto-aġenti fl-assigurazzjoni reġistrati tagħha kemm-il darba dak l-għemil jew nuqqas ikun għemil jew nuqqas li għandu x'jaqsam ma' kuntratt ta' assigurazzjoni maħruġ mill-kumpannija jew offrut f'isimha permezz tas-servizzi ta' dawk is-sotto-aġenti fl-assigurazzjoni. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, kull referenza għal sotto-aġenti fl-assigurazzjoni reġistrati għandha tinkludi referenza għal sotto-aġenti fl-assigurazzjoni reġistrati kemm passati kif ukoll preżenti.

(11) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "kumpannija awtorizzata" m'għandhiex tinkludi xi membru ta' Korp ta' l-Assigurazzjoni Rikonoxxut li jmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta biss ma' kumpannija iskritta.

Thassir ta' ismijiet mir-reġistri ta' kumpanniji għal sotto-aġenti.

34. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 ta' dan l-Att u għall-pattijiet u kondizzjonijiet ta' ħatra ta' sotto-aġenzija fl-assigurazzjoni relevanti, f'kull żmien u għal kull raġuni tkun li tkun –

(a) kumpannija awtorizzata tista' tħassar mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija l-isem ta' persuna li tkun reġistrata fir-Reġistru tal-kumpannija;

(b) persuna reġistrata fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġent ta' kumpannija awtorizzata tista' tapplika bil-miktub

lill-kumpannija konċernata u titlob lill-kumpannija li tħassarlu ismu mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija.

Tħassir ta' ismijiet mir-reġistri ta' kumpanniji għal sotto-aġenti.

35. (1) Meta kumpannija awtorizzata tagħżel li tħassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija, il-kumpannija għandha minnufih tavża bil-miktub lill-persuna konċernata u lill-Awtorità Kompetenti fejn tispeċifika d-data li fiha tagħżel li tħassar l-isem ta' dik il-persuna mir-Reġistru.

(2) Meta kumpannija awtorizzata tħassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija minħabba li l-persuna ma tkunx xierqa jew idoneja jew minħabba li l-persuna tkun aġixxiet b'mod frodulenti, jew b'diżonestà, jew b'dak il-mod li tintilef fiha l-fiduċja, il-kumpannija għandha tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti bir-raġunijiet għaliex għamlet hekk.

(3) Malli tirċievi avviż mingħand kumpannija awtorizzata li dik il-kumpannija tkun għażlet li tħassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija, l-Awtorità Kompetenti għandha:

(a) jekk it-tħassir ta' dak l-isem mir-Reġistru jkun minħabba raġunijiet li ma jkunux dawk speċifikati fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kemm jista' jkun malajr, tikkonferma bil-miktub lill-kumpannija konċernata li isem dik il-persuna, safejn jirreferi għal dik il-kumpannija, għandu jitħassar mil-Lista ta' Sotto-aġenti mid-data speċifikata fl-avviż tal-kumpannija;

(b) jekk it-tħassir ta' dak l-isem mir-Reġistru jkun minħabba raġunijiet speċifikati fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, qabel ma tħassar isem dik il-persuna mil-Lista ta' Sotto-aġenti, minnufih, tagħti lill-persuna konċernata avviż bil-miktub li jkun jagħti r-raġunijiet għal dak l-għemil, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal avviż mogħti taħt dan l-artikolu.

(4) Bla ħsara għal kull azzjoni li l-Awtorità Kompetenti jidhrilha xierqa tieħu taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra, meta l-Awtorità Kompetenti tħassar l-isem ta' persuna mil-Lista ta' Sotto-aġenti għal raġunijiet speċifikati fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità Kompetenti tista' tagħti pubbliċita għat-tħassir ta' dak l-isem mil-Lista ta' Sotto-aġenti, u –

(a) jekk isem dik il-persuna ikun reġistrat fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' xi kumpannija oħra, l-Awtorità Kompetenti għandha wkoll minnufih tavża bil-miktub lil dik il-

kumpannija l-oħra u tordnalha li tħassar l-isem ta' dik il-persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' dik il-kumpannija minnufih u tagħti lill-kumpannija r-raġunijiet għal dik l-ordni;

(b) jekk l-Awtorità Kompetenti tagħżel li tagħti pubblikità għat-tħassir ta' dak l-isem mil-Lista ta' Sotto-aġenti, l-Awtorità Kompetenti għandha tippubblika avviż li jagħti pubblikità għal dak it-tħassir b'mod li jidhirlha xieraq għall-inqas f'żewġ gazzetti lokali li joħorġu kuljum li minnhom waħda tiġi pubblikata bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż; u t-test ta' l-avviż għandu jkun bil-Malti fil-gazzetta bil-Malti u bl-Ingliż fil-gazzetta bl-Ingliż.

(5) L-Awtorità Kompetenti jkollha s-setgħa tordna li l-ispejjeż kollha li jsiru bil-pubblikazzjoni ta' avviż skond ma hemm f'dan l-artikolu, jew ta' parti minnhom hekk kif tista' tqis li jkun xieraq, għandhom jitħallsu mill-persuna konċernata; u kull ammont hekk dovut għandu jinġabar mill-Awtorità Kompetenti bl-istess mod bħalma tinġabar penali amministrattiva li tiġi imposta.taħt dan l-Att.

(6) Meta kumpannija awtorizzata tirċievi applikazzjoni bil-miktub mingħand persuna reġistrata fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija li tkun qiegħda teħtieġ lill-kumpannija li tħassar isem dik il-persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija, il-kumpannija għandha mingħajr ebda dewmien tħassar isem dik il-persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija filwaqt li tavża bil-miktub lill-persuna konċernata u lill-Awtorità Kompetenti billi wkoll tispeċifika d-data meta tagħżel li tħassar isem dik il-persuna mir-Reġistru.

(7) Meta, wara li ssir applikazzjoni lil kumpannija awtorizzata taħt is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija tirrifjuta, jew indebitament iġġebbed il-proċess, li tħassar isem il-persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija, il-persuna konċernata tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Awtorità Kompetenti u l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ bil-miktub lill-kumpannija konċernata dawk id-direttivi li tqis xierqa biex iġġiegħel lill-kumpannija li tgħaġġel il-proċess ta' tħassir ta' l-isem ta' dik il-persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija.

(8) Malli jingħata avviż mill-Awtorità Kompetenti lil kumpannija awtorizzata li isem persuna reġistrata fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija jkun tħassar mil-Lista ta' Sotto-aġenti, il-kumpannija konċernata għandha minnufih tagħti lura lill-Awtorità Kompetenti ċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni dwar dik il-persuna, u kull kopja uffiċjali li jkollha ta' dak iċ-ċertifikat.

Tħaris ta' l-interess pubbliku jew interess ieħor.

36. Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista', f'kull żmien, minħabba f'nuqqas ta' idoneità jew improprjetà jew tat-tħaris ta' l-interess pubbliku –

(a) tirrifjuta l-iskrizzjoni ta' persuna fuq il-Lista ta' Sotto-aġenti;

(b) li tħassar l-isem ta' persuna mil-Lista ta' Sotto-aġenti:

Iżda f'kull każ, l-Awtorità Kompetenti għandha tavża lill-kumpannija konċernata bil-miktub bir-raġunijiet għaliex għamlet hekk.

Restituzzjoni ta' isem imħassar mil-Lista ta' Sotto-aġenti.

37. Meta skond l-artikolu 35 ta' dan l-Att l-isem ta' persuna jkun tħassar mil-Lista tas-Sotto-aġenti –

(a) għal raġunijiet li jinsabu fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu, l-isem ta' dik il-persuna għandu, ma' l-applikazzjoni ta' kumpannija awtorizzata, jerġa' jkun iskritt fil-Lista tas-Sotto-aġenti biss fuq ordni tat-Tribunal jew liberazzjoni minn akkużi ta' reat taħt dak is-subartikolu minn xi qorti;

(b) għal raġunijiet li ma jkunux dawk li jinsabu fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu, l-isem ta' dik il-persuna jista', ma' l-applikazzjoni minn kumpannija awtorizzata, jerġa' ikun iskritt fil-Lista tas-Sotto-aġenti.

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Kooperazzjoni fi dmirijiet ta' sorveljanza u skambju ta' informazzjoni.

38. (1) Fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, jew fuq ftehim ta' reċiproċità, l-Awtorità Kompetenti tista' taqsam l-informazzjoni u tikkoopera fid-dmirijiet ta' sorveljanza tagħha ma' awtoritajiet regolatorji barranin oħra –

(a) fil-każ ta' kumpannija iskritta, jew fergħa ta' kumpannija iskritta, skond il-każ, li tkun qed tmexxi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta u li s-sid tagħha jkun għal kollox jew f'parti persuna barranija; jew

(b) fil-każ ta' kumpannija iskritta li tkun kumpannija lokali, li tkun qed tmexxi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni f'pajjiz jew minn pajjiz barra minn Malta li s-sid tagħha jkun għal kollox jew f'parti residenti Malti.

(2) Għandu jkun hemm laqgħat li jsiru bejn kumpannija awtorizzata u l-Awtorità Kompetenti jew bejn kumpannija iskritta, l-uditur approvat tagħha u l-Awtorità Kompetenti fuq bażi bilaterali jew bażi trilaterali skond kif ikunu jiġġustifikaw iċ-ċirkostanzi. Dawn il-laqgħat jistgħu jiġu msejħa minn kwalunkwe waħda mill-partijiet ikkonċernati iżda għandhom dejjem ikunu preseduti mill-Awtorità Kompetenti.

Konfidenzjalità.

39. (1) Ebda ħaġa f'dan l-Att ma tawtorizza lill-Awtorità Kompetenti biex tinvestiga jew iġġiegħel li ssir investigazzjoni f'kumpannija iskritta fl-affarijiet ta' klijent individwali ta' kumpannija iskritta ħlief sabiex jiġi assigurat li jkun hemm tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Ebda persuna, inklużi uffiċjali jew aġenti ta' l-imgħoddi jew tal-preżent ta' kumpannija iskritta, ma għandha tikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' kumpannija iskritta jew ta' klijent ta' kumpannija iskritta li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att ħlief -

(a) meta tkun awtorizzata biex tagħmel hekk skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) għall-qadi tad-dmirijiet tagħha jew għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

(ċ) meta tkun meħtieġa biex tagħmel hekk minn xi qorti jew skond xi dispożizzjoni ta' xi liġi.

(3) F'dan l-artikolu, l-espressjoni "aġenti", dwar kumpannija iskritta, tfisser u tinkludi l-bankiera u l-uditur tal-kumpannija.

(4) Meta uffiċjal jew impjegat ta' kumpannija iskritta, jew persuna reġistrata jew iskritta, jew uffiċjal jew impjegat ta' dik il-persuna, ikollha għalfejn taħseb li xi attività jew attività proposta tista' tinvolvi *money laundering*, din tkun obbligata timxi skond ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att ta' l-1994 kontra *Money Laundering* u skond linji ta' gwida magħmula mill-Awtorità Kompetenti. It-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jikkostitwix ksur ta' konfidenzjalità.

Spezzjoni tar-reġistri u tal-listi.

40. (1) Ir-Reġistru tal-*Brokers*, il-Lista tal-*Brokers* u l-Lista ta' Sotto-aġenti għandhom ikunu miftuħin biex jispezzjonahom il-pubbliku, mingħajr ħlas, fl-uffiċċju ta' l-Awtorità Kompetenti fil-ħinijiet kollha matul il-ħinijiet normali tax-xogħol ta' l-Awtorità.

(2) Kull persuna tista', mal-ħlas ta' dak id-dritt li jista' jiġi preskritt, tikseb minghand l-Awtorità Kompetenti estratti mir-Reġistru tal-*Brokers*, mil-Lista tal-*Brokers* u mil-Lista tas-Sotto-aġenti u kopji uffiċjali ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni.

(3) Ir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' kull kumpannija għandu jkun miftuħ biex jispezzjonah il-pubbliku, mingħajr ħlas, fl-uffiċċju prinċipali tal-kumpannija awtorizzata konċernata matul il-ħinijiet normali tax-xogħol tal-kumpannija.

Użu tal-kelma "assigurazzjoni".

41. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ħlief bil-permess bil-miktub ta' l-Awtorità Kompetenti, ebda persuna barra minn –

(a) persuna reġistrata fir-Reġistru tal-*Brokers* taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att; jew

(b) kumpannija iskritta fil-Lista tal-*Brokers* taħt dak l-artikolu; jew

(ċ) kumpannija awtorizzata taħt l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni; jew

(d) persuna li jkollha kwalifiki ta' assigurazzjoni minn istitut ta' reputazzjoni magħruf għal dak l-għan mill-Awtorità Kompetenti; jew

(e) istitut ta' reputazzjoni illi jipprovdi tagħlim fl-istudji dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni u hu magħruf għal dan il-għan mill-Awtorità Kompetenti; jew

(f) persuna preskritta b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att,

ma għandha tuża l-kelma "assigurazzjoni" bħala parti minn isimha jew bħala d-deskrizzjoni jew titlu tagħha jew tagħmel xi użu bħal dak fuq xi ittra, karta, f'xi avviż jew reklam, jew b'xi mod ieħor ikun li jkun.

(2) Kull kumpannija barranija iskritta jew awtorizzata kif intqal qabel tista' tuża l-isem użat fil-pajjiz fejn tkun reġistrata, inkorporata jew kostitwita ħlief li, fejn ikun hemm riskju li l-użu ta' dak l-isem jista' jqarraq, dik il-kumpannija għandha żżid ma' isimha dawk il-partikolaritajiet spjegattivi li tordna l-Awtorità Kompetenti.

(3) L-Awtorità Kompetenti tista', b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' dan l-artikolu,

tistabbilixxi l-kwalifiki u l-esperjenza fil-kummerċ ta' l-assigurazzjoni li persuni, barra mill-persuni msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, jeħtieġ li jkollhom biex, b'applikazzjoni lill-Awtorità Kompetenti, jkunu jistgħu jingħataw permess taħt dan l-artikolu sabiex jużaw il-kelma "assigurazzjoni" bħala parti minn isimhom jew bħala d-deskrizzjoni jew titlu tagħhom.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-espressjoni "assigurazzjoni" tinkludi rijassigurazzjoni, *assurance* u *reassurance* u kull derivattivi tagħhom jew kliem ieħor li jistgħu juru jew jimplikaw li juru t-tmexxija ta' kummerċ ta' assigurazzjoni jew kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni jew it-tmexxija ta' attivitajiet intermedjarji fl-assigurazzjoni jew it-tmexxija ta' dak il-kummerċ jew it-tmexxija ta' dawk l-attivitajiet b'xi lingwa fid-deskrizzjoni jew fit-titolu li taħtu persuna tkun qed tmexxi dak il-kummerċ jew tmexxi dawk l-attivitajiet.

Notifika ta' avviżi, eċċ.

42. Avviż jew dokument ieħor li għandu jingħata jew ikun notifikat taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu għandu jitqies li ngħata jew ġie notifikat b'mod xieraq lil persuna jekk –

(a) ikun konsenjat lilha; jew

(b) ikun tħalla fl-indirizz mogħti minnha lill-Awtorità Kompetenti, jew fl-indirizz l-aħħar magħruf tagħha; jew

(ċ) ikun intbagħtilha bil-posta jew bil-*fax* f'xi wieħed mill-indirizzi hawn fuq imsemmija; jew

(d) fil-każ ta' soċjetà kummerċjali reġistrata f'Malta, jkun konsenjat, intbagħat bil-posta jew bit-*telefax*, jew tħalla fl-uffiċċju reġistrat, jew fl-uffiċċju reġistrat l-aħħar magħruf, ta' dik is-soċjetà kummerċjali; jew

(e) fil-każ ta' xi korp ieħor ta' persuni, sew jekk korporat jew mhux korporat, ikun ingħata jew ġie notifikat b'xi mod hawn fuq imsemmi lil direttur, uffiċjal, skrivan jew lir-rappreżentant ta' dak il-korp.

Underwriting agreements.

43. (1) Bla ħsara għas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, kumpannija li tkun iskritta taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att tista' tagħmel jew tikkuntratta kull *underwriting agreement* dwar klassijiet ta' kummerċ ġenerali ma' kull kumpannija awtorizzata.

(2) Ebda kumpannija iskritta kif imsemmi qabel ma għandha tagħmel jew tikkuntratta xi *underwriting agreement* kemm-il darba, dwar

dak l-*underwriting agreement,* il-kumpannija ma' tħarisx, jew ma tissodisfax, dawk il-ħtiġiet li l-Awtorità Kompetenti, tista' permezz ta' Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu tistabbilixxi.

(3) Kumpannija iskritta kif imsemmi qabel għandha tirreġistra għand l-Awtorità Kompetenti kull *underwriting agreement* magħmul jew ikkuntrattat taħt dan l-artikolu fl-għamla u bil-mod li l-Awtorità Kompetenti tista', permezz tad-Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, tistabbilixxi.

(4) Ebda kummerċ ta' assigurazzjoni ma għandu jiġi aċċettat taħt xi *underwriting agreement* kemm-il darba l-*underwriting agreement* ma jkunx ġie debitament reġistrat kif imsemmi qabel.

(5) L-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' xi *underwriting agreement* taħt dan l-artikolu fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni meħtieġa li tingħata skond id-Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni; u jekk l-Awtorità tirrifjuta li tirreġistra l-*agreement* hija għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub ir-raġunijiet għar-rifjut.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità Kompetenti tista' tissoġġetta r-reġistrazzjoni ta' kull *underwriting agreement* magħmul taħt dan l-artikolu għal dawk il-kondizzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tqis xierqa li timponi.

(7) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu *"underwriting agreement"*, dwar il-kummerċ ta' l-assigurazzjoni, tfisser ftehim bejn kumpannija awtorizzata u kumpannija iskritta taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att li bih il-kumpannija iskritta tista', skond il-provedimenti tiegħu, taċċetta riskji sitwati f'Malta f'isem il-kumpannija awtorizzata; u, f'dan il-kuntest, kull ftehim ieħor, b'kull isem li jista' jisejjaħ bih, li jkollu għanijiet u finijiet simili għal *underwriting agreement*, għandu jitqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu li jkun *underwriting agreement.*

Tibdil fid-dokumentazzjoni.

44. (1) Kull kumpannija iskritta għandha tavża bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti b'kull tibdil materjali fid-dokumentazzjoni provduta jew meħtieġa li tkun provduta b'dan l-Att jew taħtu jew b'xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew b'xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, malli ssir taf b'dak it-tibdil.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 49 ta'dan l-Att safejn jirreferi għall-artikolu 38 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, kull kumpannija iskritta li tkun kumpannija lokali għandha, qabel ma tagħmel xi żieda jew tibdil fil-*memorandum* jew fl-istatut ta'

assoċjazzjoni jew f'xi att ieħor li jikkostitwixxi l-kumpannija tissottometti bil-miktub lill-Awtorità Kompetenti partikolaritajiet taż-żieda jew tibdil propost għall-kunsens tagħha bil-quddiem; u ebda żieda jew tibdil bħal dak ma għandu jsir jew jiġi reġistrat jew jibda jseħħ, sew jekk ikun reġistrat jew le, kemm-il darba u sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tkunx tat il-kunsens tagħha bil-miktub.

Appelli. Att XV ta' l-1994

45. (1) F'dan l-Att, "it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" u "it-Tribunal" iffissru it-Tribunal imwaqqaf skond l-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju:

Iżda għal finijiet ta' proċeduri li joħorġu minn dan l-Att il-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 57 ta' l-Att ta' 1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni għandu japplika:

Iżda ukoll li, għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-994 dwar il-Kummerċ Bankarju għandhom, ħlief sa fejn huma inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, japplikaw.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna jew kumpannija li, tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' l- Awtorità Kompetenti -

(a) li tirrifjuta li tirreġistra jew tiskrivi applikant taħt l-artikolu 13 jew 36 ta' dan l-Att;

(b) li timponi xi kondizzjoni fuq, jew sussegwenti għal, reġistrazzjoni u iskrizzjoni taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att;

(ċ) li tħassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru tal-*Brokers* jew l-isem ta' kumpannija mil-Lista tal-*Brokers* taħt l-artikolu 16 ta' dan l-Att;

(d) li tirrifjuta li tirrestitwixxi l-isem ta' persuna fir-Reġistru tal-*Brokers* jew l-isem ta' kumpannija fil-Lista tal-*Brokers* taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 ta' dan l-Att;

(e) li tħassar l-isem ta' persuna mil-Lista ta' Sotto-aġenti skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 35 ta' dan l-Att;

(f) li teħtieġ kumpannija awtorizzata li tħassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' xi kumpannija taħt l-artikolu 36 ta' dan l-Att;

(ġ) li tirrifjuta li tirreġistra xi *underwriting agreement* taħt l-artikolu 43 ta' dan l-Att;

(ħ) li timponi penali amministrattiva dwar infrazzjonijiet kif jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

tista' tappella kontra d-deċiżjoni lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji li jkollu l-kompetenza esklużiva li jisma' appelli fuq il-ħwejjeġ imniżżlin f'dan is-subartikolu.

(3) Appell taħt dan l-artikolu jista' jsir biss fuq il-bażi ta' xi waħda minn dawn li ġejjin-

(a) l-Awtorità Kompetenti tkun applikat ħażin xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(b) id-deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti tikkostitwixxi abbuż ta' diskrezzjoni jew li tkun manifestament inġusta, iżda d-diskrezzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti ma tistax, ladarba tkun ġiet eżerċitata b'mod xieraq, tkun mistħarrġa mit-Tribunal.

(4) Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma għandux jissospendi l-eżekuzzjoni ta' xi deċiżjoni li minnha jkun sar l-appell ħlief fil-każ ta' appell minn deċiżjoni msemmija fil-paragrafu (ħ) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

Esklużjoni ta' responsabbiltà.

46. L-Awtorità Kompetenti u kull membru, uffiċjal jew impjegat ta' l-Awtorità Kompetenti, u kull persuna maħtura biex taqdi funzjoni taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu ma jkunux responsabbli għal xi danni dwar xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir fil-qadi jew f'dak li jidher li jkun il-qadi ta' xi funzjonijiet taħt dan l-Att, jew xi regoli jew regolamenti kif intqal qabel, kemm-il darba l-għemil jew in-nuqqas ma jintwerix li jkun sar jew naqas milli jsir, skond il-każ, b'*mala fede*.

Reati.

47. (1) Kull persuna –

(a) li tikser jew tonqos li tħares xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' l-artikolu 29, 30 jew 38 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni kif applikabbli skond l-artikolu 49 ta' dan l-Att;

(b) li tikser jew tonqos li thares xi regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att; barra minn regoli jew regolamenti li dwarhom ikunu preskritti penalitajiet amministrattivi taħt il-paragrafu (d) fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

(ċ) li tikser jew tonqos li thares xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni jew xi kondizzjoni ta' reġistrazzjoni jew iskrizzjoni;

(d) li tonqos li thares xi ordni leġittimu jew ħtieġa leġittima ta' l-Awtorità Kompetenti;

(e) li tonqos li thares xi ordni jew ħtieġa tat-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji;

(f) li tonqos li thares xi ordni leġittimu jew ħtieġa leġittima ta' xi persuna oħra magħmula taħt dan l-Att u taħt xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;

(ġ) li mingħajr raġuni xierqa tibdel, iżżomm, taħbi, tiddistruġġi jew tirrifjuta li tipproduċi xi dokument li hu leġittimament meħtieġ li jiġi provdut minn xi persuna taħt dan l-Att jew xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu,

tkun ħatja ta' reat.

(2) Kull persuna li xjentement tipparteċipa fi, jew tipprokura jew tgħin jew thajjar l-għemil ta' reat taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u tista' teħel l-istess pieni bħall-awtur tar-reat.

(3) Il-Ministru għandu jagħmel regolamenti taħt dan l-artikolu li jippreskrivu penalitajiet għal reati kontra dan l-Att, u dawk ir-regolamenti jistgħu –

(a) jippreskrivu penalitajiet li jistgħu jiġu nfurzati fil-qrati ta' Malta;

(b) jippreskrivu penalitajiet differenti għal kontravvenzjonijiet ta' dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att;

(ċ) jippreskrivu penalitajiet kalkolati skond kemm idum l-għemil tar-reat,

kemm-il darba dawk il-penalitajiet ma jkunux xort'oħra imposti taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

Pieni.

48. (1) Il-penalitajiet preskritti b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 47 ta' dan l-Att –

(a) fil-każ ta' priġunerija, ma għandhomx jipprovdu għal sentenza ta' priġunerija li tkun iktar minn sentejn;

(b) fil-każ ta' penali mposta wara prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta, ma għandhomx jipprovdu għal multa ta' inqas minn mitt lira Maltija u iktar minn ħamsin elf lira Maltija;

(ċ) fil-każ ta' reat kontinwat, ma għandhomx jipprovdu għal multa ta' inqas minn ħamsin lira Maltija jew iktar minn mitt lira Maltija għal kull jum li matulu r-reat ikompli.

(2) Ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att jew xi regolament magħmul taħtu, ħlief għal infrazzjonijiet li għalihom japplika l-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, ma jistgħu jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu taħt xi liġi oħra.

Applikazzjoni ta' ċerti artikoli ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni għal kumpanniji iskritti.

49. (1) L-artikoli 29, 30, 31 u 38 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att") għandhom japplikaw dwar kumpannija iskritta fil-Lista tal-*Brokers* suġġetti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) L-artikoli 29, 30, 31 u 38 ta' l-Att għandhom japplikaw daqslikieku –

(a) ir-riferenza għal "kumpannija awtorizzata" kienet riferenza għal "kumpannija iskritta";

(b) ir-riferenza għal "Awtorità Kompetenti" kienet riferenza għall-"Awtorità Kompetenti" li qiegħda taqdi l-funzjonijiet ta' l-Awtorità Kompetenti taħt dan l-Att;

(ċ) ir-riferenza għal "kummerċ ta' l-assigurazzjoni" kienet riferenza għal "kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni";

(d) ir-riferenza għal "Direttiva dwar l-Assigurazzjoni" kienet riferenza għal "Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni";

(e) ir-riferenza għal "kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha qiegħed f'pajjiż barra minn Malta" kienet riferenza għal "kumpannija barranija".

Applikazzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju. Kap. 233.

50. L-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju ma għandux japplika għal kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni li jitmexxa minn kumpannija iskritta ma' klijent li hu persuna mhux residenti f' Malta għall-finijiet ta' l-imsemmi Att.

Riżervi.

Kap. 290.

51. (1) Kull liċenzja maħruġa jew imġedda jew azzjoni oħra tkun li tkun li tkun ittieħdet jew inbdiet taħt l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni (f'dan l-artikolu msejjaħ "l-Att") qabel ma tħassar bl-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni safejn japplika għal *brokers* fl-assigurazzjoni u bejjiegħa ta' assigurazzjoni, għandhom ikomplu japplikaw u jibqgħu validi, daqslikieku dik il-liċenzja kienet ċertifikat ta' iskrizzjoni maħruġ jew daqslikieku dik l-azzjoni l-oħra kienet meħuda jew mibdija taħt dan l-Att.

(2) Kull persuna jew kumpannija li jkollha liċenzja taħt l-Att biex taġixxi bħala sensal ta' assigurazzjoni jew bejjiegħ ta' assigurazzjoni għandha, mhux iktar tard mid-data stabbilita, tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew inkella tieqaf milli taġixxi bħala sensal ta' assigurazzjoni jew bejjiegħ ta' assigurazzjoni, u għandha, sad-data stabbilita jew sakemm tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, skond liema jiġi l-ewwel, tkompli tkun regolata mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "id-data stabbilita" tfisser jum li jiġi sitt xhur wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(3) Meta kumpannija tieqaf milli taġixxi bħala sensal ta' assigurazzjoni minħabba li dik il-kumpannija ma tħarisx, fid-data stabbilita, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, dik il-kumpannija għandha titqies li tkun għamlet applikazzjoni lill-Awtorità Kompetenti taħt l-artikolu 25 ta' dan l-Att fid-data stabbilita biex tieqaf milli tkompli tmexxi l-kummerċ ta' sensal ta' assigurazzjoni minn dik id-data u li jkun inħarġilha permess mill-Awtorità Kompetenti taħt dak l-artikolu fid-data stabbilita biex tieqaf milli tmexxi dak il-kummerċ minn dik id-data u biex tagħmel *servicing* ta' dak il-kummerċ ukoll minn dik id-

data. L-Awtorità Kompetenti tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet dwar is-*servicing* ta' dak il-kummerċ skond kif jidhrilha xieraq.

(4) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "liċenzja" tinkludi awtorità, permess, approvazzjoni u ħatra.

(5) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal kumpanniji *offshore* ta' *broking* fl-assigurazzjoni reġistrati taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, sa dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'Orđni fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Kap. 330.

SKEDA

(Artikolu 2)

INTERMEDJARJI FL-ASSIGURAZZJONI U ATTIVITAJIET TA' INTERMEDJARJI FL-ASSIGURAZZJONI

Għall-finijiet tal-paragrafu 1 fit-Tielet Kolonna li hemm f'din l-Iskeda, "riskju" tfisser u tinkludi riskju sitwat f'Malta jew riskju sitwat barra minn Malta; u "riskju sitwat barra minn Malta", dwar kuntratt ta' assigurazzjoni, għandha l-istess tifsir kif moghti lilha bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurzzjoni.

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Indipendenti	Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Dipendenti	Attivitajiet ta' Intermedjarji fl-Assigurazzjoni
Broker fl-assigurazzjoni		1. Attivitajiet professjonali ta' persuni mniżżlin fl-Ewwel Kolonna ta' din l-Iskeda li, b'libertà assoluta dwar l-għażla tagħhom ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni leġittimi, ilaqqgħu flimkien, bil-ħsieb ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni ta' riskji jew irbijt, persuni li jkunu qed ifittxu assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni u kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, jagħmlu xogħol preparatorju biex jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni jew rijassigurazzjoni u, meta jkun xieraq, jassistu fl-amministrazzjoni u twettiq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-każ ta' *claim*;

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Indipendenti	Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Dipendenti	Attivitajiet ta' Intermedjarji fl-Assigurazzjoni
	Sotto-aġent fl-assigurazzjoni	**2.** Attivitajiet ta' persuni mniżżlin fit-Tieni Kolonna ta' din l-Iskeda li jaġixxu f'isem kumpanniji awtorizzati, fost ħwejjeġ oħra jagħmlu xogħol introduttorju, jintroduċu kuntratti ta' assigurazzjoni jew jiġbru *premiums*, kemm-il darba ebda obbligazzjoni dwar assigurazzjoni lejn jew min-naħa tal-pubbliku ma tingħata bħala parti minn dawk l-attivitajiet.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 241 ta' l-14 ta' Lulju, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati